MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 12/2000/1

Vella Construction Services Limited

vs

Maltacom plc

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' erba' mija tlieta u tmenin lira Maltija (LM483) dovuti minnek rapprezentanti xogħol ta' bini magħmul fuq inkarigu tiegħek fit-Torri ta' Kenuna, fin-Nadur, Għawdex.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fit-8 ta' Gunju 1999 u tal-ittri uffiċjali mibgħuta f'Lulju 1999 u

f'diċembru 1999 u bl-imgħaxijiet dovuti skond il-Liġi mill-25 ta' Novembru 1997 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet illi hija qatt ma nkarigat lis-soċjeta' attriċi biex tagħmel ix-xogħol deskritt fl-avviż u għalhekk la għandha u lanqas qatt kellha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi .
Salvi eċċezzonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tas-soċjeta' attriċi għas-subizzjoni.

Rat id-digriet tagħha ta' l-20 ta' Ottubru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand is-soċjeta' konvenuta l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' diversi appalti maħduma minnha fuq inkarigu tagħha. Għalkemm is-soċjeta' konvenuta fin-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha tiċħad li qatt inkarigat lis-soċjeta' attriċi tgħamlilha xi xogħol, jirriżulta mill-atti li din kienet qabbditha diversi drabi tgħamlilha xi xogħol fuq it-Torri ta' Kenuna, n-Nadur, amministrat minnha, u li dwaru laħqu saru wkoll xi pagamenti.[1]

Illi skond l-istatement of account datat it-2 ta' Mejju 1999 u ppreżentat mis-soċjeta' attriċi man-nota tagħha tas-16 ta' Mejju 2000, jidher li kien għad hemm bilanċ favur l-istess soċjeta' ta' erba' mija tlieta u tmenin lira maltija (Lm483) li huwa proprju l-ammont reklamat f'din il-kawża. Imma mill-

[1] Ara dokti. A sa G pprezentati mis-socjeta' attrici permezz tan-Nota taghha tas-16 ta' Mejju 2000, a fol. 12 sa 27 tal-process. Ara wkoll id-deposizzjni ta' Saviour Farrugia a fol. 42 - 46

ispjegazzjoni mogħtija minn Saviour Farrugia, mill-*accounts section* tas-soċjeta' konvenuta, jirriżulta illi:

1. l-ammont ta' Lm950 li jidher fl-invoice no. 122/142 tħallas permezz ta' pagament ta' Lm935 li sar fid-19 ta' Frar 1999; id-differenza ta' Lm15 ma ħallsuhiex billi l-ewwel stima tas-soċjeta' attriċi kienet appuntu għal Lm935;

2. l-ammont ta' Lm350 li jidher fl-invoice no. 137, u l-ammont ta' Lm258.50 li jidher fl-invoice no. 138, inqatgħu bil-ħlas ta' Lm608.50 li sar fis-17 ta' Gunju 1998;

3. l-invoice no. 176 ghal Lm119 inqatgħet bil-ħlas ta' Lm119.72 fl-14 ta' Mejju 1998; u

4. l-invoices no. 140 għal Lm203 u no. 141 għal Lm230 tħallsu permezz ta' cheque għal Lm433 datat is-17 ta' Gunju 1998, li ġie akkreditat lill-account tas-soċjeta' attriċi mal-Bank HSBC fil-15 ta' Lulju 1998, kif anke kkonferma r-rappreżentant ta' l-istess Bank.[2]

Jirriżulta għalhekk illi l-ammonti kollha pretiżi kienu laħqu tħallsu qabel ma ġiet intavolata din il-kawża fit-18 ta' Frar 2000, ħlief għall-ħmistax-il lira (LM15) żejda pretiżi mis-soċjeta' attriċi fuq l-invoice no. 122/142, li kif spjega l-istess Savoiur Farrugia, kienet teċċedi l-istima oriġinali ta' Lm935, ħaġa li baqgħet qatt ma ġiet ikkontestata mis-soċjeta' attriċi, u għalhekk ma kellha ebda dritt tirreklamaha.

Għaldaqstant billi l-ammont pretiż f'din il-kawża rriżulta kollu mħallas sa minn żmien qabel ma saret il-kawża, tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

**< Sentenza Finali >**

[2] ara kopja relattiva esebita a fol. 60 u xhieda ta' Giovann Cauchi a fol. 68

---------------------------------TMIEM---------------------------------